

# Marija fil-ħajja tagħna

Rev. Karl Andrew Schembri

Wasalna biex niċċelebraw festa oħra, biex infakkru t-twelid u t-tfulija ta' Marija. Niċċelebraw il-ħajja ta' Marija, tfajla minn Nazzaret, li ħalliet kollox u tat ħajjitha lil Alla. Niċċelebraw il-ħajja ta' Marija, għax b'xi mod jew ieħor il-ħajja ta' Marija għandha valur fil-ħajja tagħna. Bħal meta niċċelebraw il-birthday ta' xi ħadd għax il-persuna jkollha post speċjali u valur f'ħajjitna. Anke aħna, issa se niċċelebraw lil Marija, għax Marija bl-iva tagħha tatna lil binha Ġesù.

Ladarba niċċelebraw, jeħtieġ li nsegwu l-passi ta' Marija u naraw ftit x'nistgħu nitgħallmu mit-tfulija ta' Marija. Spiss nisimgħu xi ħaġa dwar Marija u l-istorja tal-ħajja tagħha u li hija omm Alla u l-omm spiritwali tagħna lkoll. Imma kemm nieħdu ħin biex nippruvaw naraw ftit kif għexet Marija u napplikawh għall-ħajja tagħna? Qegħdin ngħixu f'soċjetà impenjata ħafna, li kważi ma tlaħħaqx tagħmel kollox f'ġurnata waħda. Dan għaliex kollox idur mal-flus biss u allura biex inħossuna tajbin nishru ħinijiet twal f'xogħol li kulma jmur qiegħed dejjem iħalli lill-bniedem bla nifs. Kemm se ndumu sejrin hekk?

Mhux qiegħed ngħid dan għal min ma jlaħħaqx mal-esiġenzi finanzjarji tal-ħajja u allura jispiċċa jkollu jaħdem ħafna imma għal min jista' jgħix komdu u li għandu, qatt ma huwa biżżejjed f'ħajtu. Jekk inħarsu lejn kif għexet Marija, naraw kemm hija għexet ħajja sempliċi u kemm l-ikbar impenn f'ħajjitha kien it-talb. Jekk ikollna napplikaw dan fil-ħajja tagħna rridu nkunu realistiċi, jiġifieri nsibu bilanċ tajjeb ħafna bejn il-ħin tax-xogħol, tal-familja u d-divertiment u l-ħin għat-talb u riflessjoni personali.

Jien spiss kont nispiċċa naljena lili nnifsi b'xogħol, ħafna drabi volontarjat, biex inżommni okkupat b'xi ħaġa. Però, kien meta bdejt insib ħin għat-talb u r-riflessjoni li bdejt niltaqa' ma' Alla u nibni relazzjoni miegħu. Ħajti bdiet tinbidel u dak il-vojt li kelli beda jimlieh Hu. Inħares lura u nara kif Alla ħadem miegħi. Hekk kif ħadem ma' Marija, jista' jaħdem magħna lkoll. Imma rridu nwieġbu l-iva, kulħadd skont iċ-ċirkustanzi tal-ħajja tiegħu. Alla kellu pjan għal Marija, għalik għandu ieħor, qiegħed tipprova tara x'inhu?

Għalhekk ejjew, waqt li niċċelebraw kif jixraq il-ħajja ta' Marija, inħarsu lejn ħajjitha u naraw b'liema mod Alla ħadem fil-ħajja tagħha u nippruvaw aħna wkoll inħalluh jaħdem fil-ħajja tagħna. Huwa b'dan il-mod li ħajjitna tista' titjieb jew tinħass xi ftit aħjar. Il-flus ma jtejbux il-ħajja tagħna, itejbu biss il-kundizzjonijiet li fihom ngħixu, li ħafna drabi s-sodisfazzjon ma jdumx wisq għax il-kundizzjonijiet tajbin li jġibu l-flus malajr jindraw u nkunu rridu aktar u aħjar. Il-ferħ li jiġi minn Alla, kif naraw fil-ħajja ta' Marija, mhux biss tejjeb il-ħajja tagħha imma anke ta' dawk kollha li kienu qrib tagħha. Viva Marija Bambina!

